Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 382/2008**

tal-21 ta' April 2008

dwar ir-regoli ta' l-applikazzjoni għal-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni fis-settur tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella

(Riformolat)

(ĠU L 115, 29.4.2008, p. 10)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 514/2008 tad-9 ta' Ġunju 2008	L 150	7	10.6.2008
►**M2**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 173/2011 tat-23 ta' Frar 2011	L 49	16	24.2.2011
►**M3**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1379/2011 tal-20 ta' Diċembru 2011	L 343	20	23.12.2011

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 382/2008

tal-21 ta' April 2008

dwar ir-regoli ta' l-applikazzjoni għal-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni fis-settur tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella

(Riformolat)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni tas-suq taċ-ċanga u l-vitella ([1]), u b'mod partikulari l-Artikoli 29(2), 33(12) u 41 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1445/95 tas-26 ta' Ġunju 1995 dwar regoli għall-applikazzjoni ta' liċenzji ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni fis-settur tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2377/80 ([2]) kemm-il darba ġie emendat b'mod sostanzjali ([3]). Ġaladarba jridu jsiru iktar emendi, għandu jiġi abbozzat mill-ġdid fl-interess taċ-ċarezza.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1254/1999 jagħmel l-importazzjonijiet kollha tal-prodotti elenkati fl-Artikolu 1(1)(a) ta' dak ir-Regolament lejn il-Komunità suġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenzja ta' l-importazzjoni. L-esperjenza wriet il-ħtieġa li jkun hemm sorveljanza mill-qrib tax-xejra tal-kummerċ fil-prodotti kollha tas-settur tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella, li huma ta' importanza partikulari għall-bilanċ f'dan is-suq li huwa partikolarment sensittiv. B'hekk, sabiex tittejjeb it-tmexxija tas-suq, il-liċenzji ta' l-importazzjoni għandhom ikunu meħtieġa wkoll għall-prodotti bil-kodiċi NM bin-numri 1602 50 31 sa 1602 50 80 u bin-numru 1602 90 69.

(3) L-importazzjonijiet lejn il-Komunità ta' bhejjem żgħażagħ, b'mod partikulari ta' l-għoġiela jeħtieġ li jiġu ssorveljati. Il-liċenzji ta' l-importazzjoni għal dawn il-bhejjem għandhom jinħarġu biss jekk ikun indikat il-pajjiż minn fejn huma ġejjin.

(4) Skond l-Artikolu 6(4) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 li jfassal lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi, u li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' ċertifikazzjoni veterinarja u ta' ċertifikazzjoni tas-saħħa ta' l-annimali u tas-saħħa pubblika, għall-importazzjoni lejn il-Komunità ta' ċerti annimali ħajjin u tal-laħam frisk tagħhom ([4]), iċ-ċertifikat oriġinali veterinarju għandu jakkumpanja lill-bhejjem bovini sakemm jaslu fil-post ta' l-ispezzjoni fuq il-fruntiera.

([1]) ĠU L 160, 26.6.1999, p. 21. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 98/2008 (ĠU L 29, 2.2.2008, p. 5).

([2]) ĠU L 143, 27.6.1995, p. 35. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 586/2007 (ĠU L 139, 31.5.2007, p. 5).

([3]) Ara l-Anness IX.

([4]) ĠU L 146, 14.6.1979, p. 15. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (KE) 2008/61/KE (ĠU L 15, 18.1.2008, p. 33).

▼B

(5) Fit-Tariffa Integrata tal-Komunitajiet Ewropej (it-TARIC) hemm in-numri ta' l-ordnijiet, li jiffaċilitaw l-identifikazzjoni tal-kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni, il-prodotti involuti u f'ċerti każi l-oriġini tagħhom. L-Istati Membri għandhom ikunu mitluba jpoġġu dawn in-numri fuq il-liċenzji ta' l-importazzjoni jew fuq is-silta/is-siltiet minnhom u jużawhom fin-notifiki lill-Kummissjoni.

(6) L-awtorità kompetenti nazzjonali li toħroġ il-liċenzja ta' l-importazzjoni mhux dejjem tkun taf il-pajjiż ta' l-oriġini tal-kwantitajiet importati permezz tal-kwoti tat-tariffi miftuħa għal diversi pajjiżi jew tal-kwantitajiet importati suġġetti għad-dazji tat-TDK. L-identifikazzjoni tal-pajjiż ta' l-oriġini fil-każ tal-kwoti tat-tariffi jew fil-każ ta' l-importazzjoni mhux preferenzjali għandhom ikunu rekwiżit primarju skond l-interpretazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 tat-22 ta' Lulju 1985 li jistabbilixxi r-regoli komuni dettaljati sabiex tiġi applikata s-sistema tal-garanziji għall-prodotti agrikoli ([1]), u għaldaqstant għandu jkun meħtieġ li jiddaħħal fil-kolonna 31 tal-liċenzja ta' l-importazzjoni jew tas-silta minnha l-pajjiż ta' l-oriġini għal dawn it-tariffi u għall-importazzjoni mhux preferenzjali.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 1254/1999 jeħtieġ li tintwera liċenzja ta' l-esportazzjoni bl-iffissar bil-quddiem tar-rifużjoni fil-każ ta' kull xogħol ta' l-esportazzjoni li għalih tintalab rifużjoni fuq l-esportazzjoni. Għandhom jiġu stabbiliti regoli speċifiċi sabiex jiġi applikat dak l-arranġament, li jkopri b'mod partikolari t-tressiq ta' l-applikazzjonijiet u t-tagħrif li jrid jingħata dwar l-applikazzjonijiet u dwar il-liċenzji. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 tad-9 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' ffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli ([2]) għandhom għaldaqstant jiġu ssupplimentati kif xieraq.

(8) L-Artikolu 33(11) tar-Regolament (KE) Nru 1254/1999 jipprovdi għall-obbligi tal-volum ta' l-esportazzjoni li joħorġu mill-ftehimiet konklużi f'konformità ma' l-Artikolu 300 tat-Trattat u li għandhom jiġu rrispettati fuq il-bażi tal-liċenzji ta' l-esportazzjoni. Għalhekk għandhom jiġu stabbiliti regoli eżatti dwar it-tressiq ta' l-applikazzjonijiet, il-ħruġ tal-liċenzji u kemm idumu jgħoddu dawn il-liċenzji.

(9) Barra minn hekk, in-notifiki dwar id-deċiżjonijiet għall-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-esportazzjoni għandhom isiru biss wara perjodu ta' riflessjoni sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tagħmel stima tal-kwantitajiet li għalihom tkun tressqet l-applikazzjoni u tan-nefqa rilevanti u jekk ikun xieraq tieħu azzjoni partikolari dwar l-applikazzjonijiet ikkonċernati. Fl-interess ta' l-applikanti, dawn għandhom ikunu jistgħu jirtiraw l-applikazzjonijiet jekk ikun ġie stabbilit perċentwali ta' aċċettazzjoni li japplika għalihom.

([1]) ĠU L 205, 3.8.1985, p. 5. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2006 (ĠU L 365, 12.12.2006, p. 52).

([2]) ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1423/2007 (ĠU L 317, 5.12.2007, p. 36).

▼B

(10) Fil-każ ta' applikazzjonijiet għal kwantitajiet li ma jaqbżux il-25 tunnellata metrika, għandu jkun permess il-ħruġ minnufih tal-liċenzja, jekk l-operatur jitlob dan. Sabiex tiġi evitata l-eżażjoni tad-dispożizzjonijiet standard għandu jiġi limitat iż-żmien meta dawn it-tipi ta' liċenzji jkunu jgħoddu.

(11) Sabiex il-kwantitajiet esportati jkunu jistgħu jiġu ġestiti b'mod mill-iktar preċiż, ir-regoli tat-tolleranza mniżżlin fir-Regolament (KE) Nru 1291/2000 ma għandhomx japplikaw.

(12) Jeħtieġ li jiġu inkorporati f'dan ir-Regolament id-dispożizzjonijiet speċjali dwar l-esportazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1643/2006 tas-7 ta' Novembru 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-għoti ta' l-għajnuna għall-esportazzjoni tal-prodotti taċ-ċanga u l-vitella li jistgħu jibbenefikaw minn trattament speċjali ta' l-importazzjoni f'pajjiż terz [1] [*titlu mhux uffiċjali*] u tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2051/96 tal-25 ta' Ottubru 1996 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-għoti ta' l-għajnuna għall-esportazzjoni taċ-ċanga u l-vitella li jistgħu jibbenefikaw minn trattament speċjali ta' l-importazzjoni fil-Kanada u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1445/95 [2].

(13) Sabiex l-arranġamenti għal-liċenzji ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni jkunu jistgħu jitmexxew kif suppost, il-Kummissjoni teħtieġ tagħrif preċiż dwar l-applikazzjonijiet li jkunu saru għal-liċenzji u dwar l-użu ta' dawk li diġà nħarġu. L-effiċjenza amministrattiva tiddetta illi l-komunikazzjonijiet mill-Istati Membri lill-Kummissjoni isiru fuq formola unika preskritta.

(14) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni taċ-Ċanga u l-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

L-AMBITU

Artikolu 1

Dan ir-Regolament iniżżel ir-regoli ta' l-applikazzjoni għal-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni fis-settur tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella.

[1] ĠU L 308, 8.11.2006, p. 7.
[2] ĠU L 274, 26.10.1996, p. 18. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2333/96 (ĠU L 317, 6.12.1996, p. 13).

▼B

KAPITOLU II

IL-LIĊENZJI TA' L-IMPORTAZZJONI

Artikolu 2

▼M1

1. Il-prodotti li għalihom għandha tintwera liċenzja ta' l-importazzjoni huma mniżżlin fl-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008 ([1]). Il-perjodu tal-validità tal-liċenzja ta' l-importazzjoni u l-ammont tal-garanzija li għandha tingħata għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-Parti I ta' l-Anness II ta' dak ir-Regolament.

▼B

2. Għall-importazzjonijiet tal-prodotti li jaqgħu fi ħdan ►M3 il-kodiċijiet tan-NM bin-numri minn 0102 29 10 sa 0102 29 49, ex 0102 39 10 b'piż li ma jaqbiżx 300 kg u ex 0102 90 91 b'piż li ma jaqbiżx 300 kg ◄, bl-eċċezzjoni tal-kwoti ta' l-importazzjoni għall-bhejjem bovini ħajjin irregolati bir-regolamenti rispettivi li jkun fihom ir-regoli ta' l-applikazzjoni, l-applikazzjoni għal-liċenzja ta' l-importazzjoni u l-liċenzja għandhom juru:

(a) fil-kaxxa numru 7, il-pajjiż minn fejn huma ġejjin;

(b) fil-kaxxa numru 8, il-pajjiż ta' l-oriġini, li għandu jikkorrispondi mal-pajjiż li jkun qed jesporta, fis-sens tat-Taqsima 2 ta' l-Anness I ("Mudelli taċ-Ċertifikati Veterinarji") tad-Deċiżjoni Nru 79/542/KEE. Il-liċenzja għandu jkollha obbligu marbut magħha li l-importazzjoni ssir minn dak il-pajjiż;

(ċ) fil-kaxxa numru 20, is-sentenza li ġejja: "Il-pajjiż ta' l-oriġini msemmi fil-kaxxa 8 jikkorrispondi għall-pajjiż li qed jesporta mniżżel fuq iċ-ċertifikat oriġinali veterinarju jew il-kopja tiegħu."

3. Ir-rilaxx ta' l-annimali msemmi fil-paragrafu 2 għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa għandu jkun suġġett għat-turija taċ-ċertifikat oriġinali veterinarju, jew ta' kopja ċċertifikata bħala korretta mill-post ta' l-ispezzjoni tal-Komunità fuq il-fruntiera, dejjem jekk il-pajjiż li jkun ħareġ iċ-ċertifikat ikun l-istess bħal dak indikat fil-kaxxa numru 8 fuq il-liċenzja ta' l-importazzjoni.

▼M1

_____

▼B

Artikolu 5

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet li huma iktar speċifiċi, l-applikazzjonijiet għal-liċenzji għandhom isiru għall-prodotti b'kodiċi NM uniku jew għall-prodotti ta' wieħed mill-gruppi tal-kodiċi NM elenkati fl-istess inċiż fl-Anness I.

2. It-tagħrif muri fuq l-applikazzjoni għandu jiddaħħal ukoll fuq il-liċenzja.

▼M1

3. Fil-każ ta' l-importazzjonijiet taħt kwota tat-tariffa għall-importazzjoni għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-ebda applikazzjoni għal liċenzja jew għal ċertifikat m'għandha tiġi aċċettata sakemm ma tkunx ingħatat garanzija ta' 5 Ewro għal kull ras ta' annimal ħaj u ta' 12-il Ewro għal kull 100 kilogramm ta' piż nett għall-prodotti l-oħrajn lill-korp kompetenti sa mhux aktar tard mis-1 ta' wara nofsinhar ta' dakinhar stess meta titressaq l-applikazzjoni;

([1]) ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3.

▼M1

(b) il-liċenzji għandhom ikunu validi mid-data attwali tal-ħruġ tagħhom fis-sens ta' l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008 sa tmiem it-tielet xahar ta' wara dik id-data.

(ċ) il-korp li joħroġ il-liċenzji ta' l-importazzjoni għandu jindika n-numru ta' l-ordni tal-kwota fit-Tariffa Integrata tal-Komunitajiet Ewropej (it-TARIC) fil-kaxxa numru 20 tal-liċenzja jew tas-siltiet minnha.

▼B

Artikolu 6

1. Sa mhux aktar tard mill-għaxar jum ta' kull xahar, l-Istati Membri għandom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-kwantitajiet, f'kilogrammi ta' piż tal-prodott jew f'numru ta' rjus, tal-prodotti li għalihom ikunu nħarġu l-liċenzji ta' l-importazzjoni fix-xahar ta' qabel, f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-importazzjonijiet li ma jkunux fil-kwota.

2. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-kwantitajiet, f'kilogrammi ta' piż tal-prodott jew f'numru ta' rjus, tal-prodotti li għalihom ikunu nħarġu liċenzji ta' l-importazzjoni fil-perjodu mill-1 ta' Lulju tas-sena ta' qabel sat-30 ta' Ġunju ta' dik is-sena li ma jkunux intużaw f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-importazzjonijiet li ma jkunux fil-kwota.

3. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-kwantitajiet, f'kilogrammi ta' piż tal-prodott jew f'numru ta' rjus, imqassmin skond ix-xahar ta' l-importazzjoni u skond il-pajjiż ta' l-oriġini, tal-prodotti li jkunu ġew irrilaxxati għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa fil-perjodu mill-1 ta' Lulju tas-sena ta' qabel sat-30 ta' Ġunju ta' dik is-sena, f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-importazzjonijiet li ma jkunux fil-kwota.

Madanakollu, mill-perjodu li jibda fl-1 ta' Lulju 2009, l-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni d-dettalji tal-kwantitajiet tal-prodotti li jkunu tqiegħdu fiċ-ċirkulazzjoni ħielsa mill-1 ta' Lulju 2009 f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-importazzjonijiet li ma jkunux fil-kwota, f'konformità ma' l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni ([1]) (KE) Nru 1301/2006.

Artikolu 7

In-notifiki msemmija fl-Artikoli 6(1) u 6(2) u fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 6(3) għandhom isiru kif indikat fl-Annessi II, III u IV, filwaqt li jintużaw il-kategoriji tal-prodotti indikati fl-Anness V.

Artikolu 8

1. Meta l-kwantità li tkun impurtata fir-realtà hija attribwita lil-liċenzja jew lis-silta, minbarra t-tagħrif diġà stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1291/2000, irid jintwera wkoll il-pajjiż ta' l-oriġini fil-kolonna numru 31 tal-liċenzja ta' l-importazzjoni jew tas-silta tagħha.

2. Ir-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu huwa rekwiżit primarju fis-sens ta' l-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85.

([1]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

▼B

KAPITOLU III

IL-LIĊENZJI TA' L-ESPORTAZZJONI

Artikolu 9

Mingħajr ħsara għall-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, kull esportazzjoni tal-prodotti taċ-ċanga u l-vitella li għaliha tintalab rifużjoni fuq l-esportazzjoni għandha teħtieġ it-turija ta' liċenzja ta' l-esportazzjoni bl-iffissar bil-quddiem tar-rifużjoni, f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 10 sa 16 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 10

1. Iż-żmien meta jkunu jgħoddu l-liċenzji għall-esportazzjoni tal-prodotti li għalihom tintalab rifużjoni u li huma suġġetti għall-ħruġ ta' liċenzja ta' l-esportazzjoni bl-iffissar bil-quddiem tar-rifużjoni, ikkalkulat mid-data tal-ħruġ fis-sens ta' l-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, għandu jkun:

(a) ta' ħames xhur b'żieda tax-xahar attwali għall-prodotti li jaqgħu fi ħdan ►**M3** il-kodiċijiet tan-NM bin-numri 0102 21, 0102 31 00 u 0102 90 20 ◄ u ta' 75 jum għall-prodotti li jaqgħu fi ħdan ►**M3** il-kodiċijiet tan-NM bin-numri 0102 29, 0102 39 10, 0102 90 91 u ex 1602 ◄;

(b) ta' 60 jum għall-prodotti l-oħra.

2. Il-liċenzji għall-esportazzjoni tal-prodotti taċ-ċanga u l-vitella maħruġin skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 49 tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, għandhom ikunu jgħoddu sa tmiem:

(a) il-ħames xahar mix-xahar tal-ħruġ fis-sens ta' l-Artikolu 23(2) ta' dak ir-Regolament (KE) għall-prodotti li jaqgħu fi ħdan ►**M3** il-kodiċijiet tan-NM bin-numri 0102 21, 0102 31 00 u 0102 90 20 ◄;

(b) ir-raba' xahar mix-xahar tal-ħruġ fis-sens ta' l-Artikolu 23(2) ta' dak ir-Regolament (KE) għall-prodotti l-oħra.

3. B'deroga mill-Artikolu 49(5) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, iż-żmien stipulat ta' 21 jum għall-prodotti li jaqgħu fi ħdan ►**M3** il-kodiċijiet tan-NM bin-numri 0102 21, 0102 31 00 u 0102 90 20 ◄ qed jinbidel b'90 jum.

4. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji u l-liċenzji għandhom jinkludu d-deskrizzjoni tal-prodott fil-kaxxa numru 15, il-kodiċi ta' 12-il ċifra tan-nomenklatura tar-rifużjoni fuq l-esportazzjoni tal-prodotti agrikoli fil-kaxxa numru 16 u l-pajjiż tad-destinazzjoni fil-kaxxa numru 7.

5. Il-kategoriji tal-prodotti indikati fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 huma elenkati fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 11

Il-garanziji għal-liċenzji bl-iffissar bil-quddiem tar-rifużjoni għandhom ikunu ta':

(a) EUR 26 għal kull ras għall-bhejjem il-ħajjin;

(b) EUR 15 għal kull mitt kilogramm għall-prodotti li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi tan-nomenklatura tar-rifużjoni fuq l-esportazzjoni tal-prodotti agrikoli bin-numru 0201 30 00 9100;

(ċ) EUR 9 għal kull mitt kilogramm ta' piż nett għall-prodotti l-oħra.

▼B

Artikolu 12

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-esportazzjoni bl-iffissar bil-quddiem tar-rifużjoni kif imsemmi fl-Artikoli 10(1), (2) u (3) jistgħu jitressqu lill-awtoritajiet kompetenti kull ġimgħa mit-Tnejn sal-Ġimgħa.

Il-liċenzji ta' l-esportazzjoni għandhom jinħarġu nhar l-Erbgħa tal-ġimgħa ta' wara t-tressiq ta' l-applikazzjoni, dejjem jekk, sadanittant, il-Kummissjoni ma tkun ħadet l-ebda waħda mill-miżuri partikulari msemmija fil-paragrafi 2 jew 3 ta' dan l-Artikolu.

Madanakollu, il-liċenzji li għalihom ikunu tressqu l-applikazzjonijiet fi ħdan il-qafas ta' l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 għandhom jinħarġu minnufih.

B'deroga mit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 43(2) tar-Regolament (KE) Nru 1254/1999, jum ieħor minflok l-Erbgħa sabiex fih jinħarġu l-liċenzji ta' l-esportazzjoni meta dan ma jkunx jista' jsir nhar ta' Erbgħa.

2. Fejn il-kwistjoni tal-liċenzji ta' l-esportazzjoni tirriżulta jew tista' tirriżulta fil-qbiż ta' l-ammonti disponibbli tal-baġit jew fl-użu sħiħ tal-kwantitajiet massimi li jistgħu jiġu esportati b'rifużjoni matul il-perjodu kkonċernat, b'kunsiderazzjoni tal-limiti msemmija fl-Artikolu 33(11) tar-Regolament (KE) Nru 1254/1999, jew fejn din ma tħallix l-esportazzjoni titkompla matul il-bqija tal-perjodu, il-Kummissjoni tista':

(a) tistabbilixxi perċentwali ta' aċċettazzjoni għall-kwantitajiet li għalihom ikunu tressqu l-applikazzjonijiet;

(b) tirrifjuta applikazzjonijiet li għalihom ikunu għadhom ma ngħatawx il-liċenzji;

(ċ) tissospendi t-tressiq ta' l-applikazzjonijiet għal-liċenzji għal perjodu massimu ta' ħamest ijiem tax-xogħol, li jista' jittawwal skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 43(2) tar-Regolament (KE) Nru 1254/1999.

Fiċ-ċirkustanzi msemmija fil-punt (c) ta' l-ewwel subparagrafu, l-applikazzjonijiet għal-liċenzji li jkunu tressqu matul il-perjodu ta' sospensjoni m'għandhomx ikunu jgħoddu.

Il-miżuri previsti fl-ewwel subparagrafu jistgħu jkunu implimentati jew immodulati skond il-kategorija tal-prodotti u skond id-destinazzjoni jew il-grupp ta' destinazzjonijiet.

3. Il-miżuri previsti fil-paragrafu 2 jistgħu wkoll jiġu adottati f'każ li l-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-esportazzjoni jkollhom x'jaqsmu ma' kwantitajiet li jaqbżu jew li jistgħu jaqbżu l-kwantitajiet normali disponibbli għal destinazzjoni waħda jew għal grupp ta' destinazzjonijiet u l-ħruġ tal-liċenzji mitlubin ikun iġib miegħu r-riskju ta' l-ispekulazzjoni, tat-tagħwiġ tal-kompetizzjoni bejn min iħaddem, jew tat-tfixkil tal-kummerċ ikkonċernat jew tas-suq Komunitarju.

4. Jekk il-kwantitajiet li għalihom ikunu tressqu l-applikazzjonijiet jiġu rrifjutati jew imnaqqsa, l-garanzija għandha tiġi rrilaxxata minnufih għall-kwantitajiet kollha li għalihom ma tkunx ġiet aċċettata l-applikazzjoni.

▼B

5. B'deroga mill-paragrafu 1, jekk jiġi stabbilit perċentwali ta' aċċettazzjoni ta' inqas minn 90 %, il-liċenzji għandhom jinħarġu sa mhux aktar tard mill-ħdax-il jum tax-xogħol wara l-jum tal-pubblikazzjoni ta' dan il-perċentwali fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*. Fi żmien għaxart ijiem wara l-pubblikazzjoni, l-applikanti jistgħu:

(a) jew jirtiraw l-applikazzjoni, f'liema każ il-garanzija għandha tiġi rrilaxxata minnufih; jew

(b) jitolbu l-ħruġ tal-liċenzja minnufih, f'liema każ l-awtorità kompetenti għandha toħroġha minnufih imma l-iktar kmieni mal-ħames jum tax-xogħol wara dak li fih tkun tressqet l-applikazzjoni.

6. Minkejja l-paragrafu 1, il-liċenzji għandhom jinħarġu minnufih fil-każ ta' applikazzjonijiet għal kwantitajiet li ma jaqbżux il-25 tunnellata metrika għal prodotti li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM bin-numri 0201 u 0202. F'każijiet bħal dawn, minkejja l-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament, iż-żmien meta dawn il-liċenzji jkunu jgħoddu għandu jkun limitat għal ħamest ijiem tax-xogħol mid-data attwali tal-ħruġ tagħhom fis-sens ta' l-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 u l-kaxxa numru 20 ta' l-applikazzjonijiet għal-liċenzji u tal-liċenzji nfushom għandhom juru ta' lanqas waħda mill-annotazzjonijiet elenkati fit-Taqsima A ta' l-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 13

1. Il-kwantitajiet esportati fi ħdan it-tolleranza msemmija fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 ma għandhomx jagħtu dritt għall-ħlas tar-rifużjoni fil-każ li l-esportazzjoni sseħħ permezz ta' liċenzja kif imsemmi fl-Artikoli 10(1), (2) u (3) ta' dan ir-Regolament u fil-każ li l-liċenzja jkun fiha dan it-tagħrif li ġej fil-kaxxa numru 22:

"Ir-rifużjoni hija valida għal […] tunnellati (il-kwantità li għaliha tkun inħarġet il-liċenzja)."

2. It-tieni inċiż ta' l-Artikolu 18(3)(b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/1999 ([1]) ma għandux japplika għar-rifużjonijiet speċjali fuq l-esportazzjoni mogħtija għall-prodotti li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM bin-numri 0201 30 00 9100 u 0201 30 00 9120 tan-nomenklatura tal-prodotti agrikoli għar-rifużjoni fuq l-esportazzjoni stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3846/87 ([2]) fil-każ li dawn il-prodotti jkunu għaddew mill-proċedura tal-ħażna doganali f'konformità ma' l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1741/2006 ([3]).

Artikolu 14

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għall-esportazzjonijiet magħmula b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1643/2006.

2. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji għall-prodotti indikati fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1643/2006 jistgħu jitressqu biss fl-Istati Membri li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tas-saħħa meħtieġa mill-pajjiż li jkun qed jimporta.

([1]) ĠU L 102, 17.4.1999, p. 11.
([2]) ĠU L 366, 24.12.1987, p. 1.
([3]) ĠU L 329, 25.11.2006, p. 7.

▼B

3. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji u l-liċenzji nfushom għandhom jinkludu l-fraži "USA" (l-Istati Uniti ta' l-Amerika) fil-kaxxa numru 7. Il-liċenzji għandu jkollhom obbligu marbut maghħom li l-esportazzjoni ssir mill-Istat Membru li joħroġhom lejn dik id-destinazzjoni.

4. Minkejja dak li hemm fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, il-kwantitajiet esportati ma jistgħux jaqbżu dawk murija fuq il-liċenzja. Il-liċenzji għandhom jinkludu n-numru "0" fil-kaxxa numru 19.

5. Il-liċenzji għandhom jinkludu wkoll fil-kaxxa numru 22 ta' lanqas waħda mill-annotazzjonijiet elenkati fit-Taqsima B ta' l-Anness VII.

▼M2

6. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni:

(a) sas-6 p.m. (ħin ta' Brussell) f'kull jum tax-xogħol, il-kwantità totali tal-prodotti li għalihom ikunu tressqu applikazzjonijiet;

(b) mhux iktar tard minn tmiem ix-xahar ta' wara x-xahar li fih tressqu l-applikazzjonijiet, lista tal-applikanti.

▼B

7. Jekk il-kwantitajiet li għalihom ikunu tressqu l-applikazzjonijiet għal-liċenzji jaqbżu dawk disponibbli, il-Kummissjoni għandha tist-abbilixxi perċentwali wieħed ta' aċċettazzjoni għall-kwantitajiet mitluba.

8. Il-liċenzji għandhom jinħarġu fl-għaxar jum tax-xogħol wara d-data tat-tressiq ta' l-applikazzjoni. Ma tista' tinħareġ l-ebda liċenzja għall-applikazzjonijiet li ma jkunux ġew mgħoddija lill-Kummissjoni.

9. Minkejja l-Artikoli 10(1),(2) u (3) ta' dan ir-Regolament, il-liċenzji għandhom ikunu jgħoddu għal disgħin jum mid-data proprja tal-ħruġ tagħhom, filwaqt li jiġi applikat l-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, iżda ma għandhomx ikunu jgħoddu iktar tard mill-31 ta' Diċembru tas-sena tal-ħruġ.

10. Jekk il-kwantitajiet li għalihom ikunu tressqu l-applikazzjonijiet jitnaqqsu f'konformità mal-paragrafu 7, il-garanzija għandha tiġi rrilaxxata minnufih għall-kwantitajiet kollha li ma jkunux ingħataw.

11. Minbarra r-rekwiżiti speċifikati fil-punt (b) ta' l-Artikolu 32(1) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, ir-rilaxx tal-garanziji għal-liċenzji ta' l-esportazzjoni għandu jkun jiddependi fuq it-turija ta' evidenza li turi l-wasla fid-destinazzjoni, filwaqt li jiġi applikat l-Artikolu 35(5) ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 15

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għall-esportazzjonijiet lejn il-Kanada skond ir-Regolament (KE) Nru 2051/96.

2. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji għall-prodotti indikati fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2051/96 jistgħu jitressqu biss fl-Istati Membri li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tas-saħħa meħtieġa mill-awtoritajiet Kanadiżi.

3. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji u l-liċenzji nfushom għandhom jinkludu l-kelma "Kanada" fil-kaxxa numru 7. Il-liċenzji għandu jkollhom obbligu marbut maghħom li l-esportazzjoni ssir mill-Istat Membru li joħroġhom lejn dik id-destinazzjoni.

▼B

4. Minkejja dak li hemm fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, il-kwantitajiet esportati ma jistgħux jaqbżu dawk murija fuq il-liċenzja. Il-liċenzji għandhom jinkludu n-numru "0" fil-kaxxa numru 19.

5. Il-liċenzji għandhom jinkludu wkoll fil-kaxxa numru 22 ta' lanqas waħda mill-annotazzjonijiet elenkati fit-Taqsima Ċ ta' l-Anness VII.

▼M2

6. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni:

(a) sas-6 p.m. (ħin ta' Brussell) f'kull jum tax-xogħol, il-kwantità totali tal-prodotti li għalihom ikunu tressqu applikazzjonijiet;

(b) mhux iktar tard minn tmiem ix-xahar ta' wara x-xahar li fih tressqu l-applikazzjonijiet, lista tal-applikanti.

▼B

7. Jekk il-kwantitajiet li għalihom ikunu tressqu l-applikazzjonijiet għal-liċenzji jaqbżu dawk disponibbli, il-Kummissjoni għandha tist-abbilixxi perċentwali wieħed ta' aċċettazzjoni li japplika għall-kwanti-tajiet mitluba.

8. Il-liċenzji għandhom jinħarġu fl-għaxar jum tax-xogħol wara d-data tat-tressiq ta' l-applikazzjoni. Ma tista' tinħareġ l-ebda liċenzja għall-applikazzjonijiet li ma jkunux ġew mgħoddija lill-Kummissjoni.

9. Minkejja l-Artikoli 10(1),(2) u (3) ta' dan ir-Regolament, il-liċenzji għandhom ikunu jgħoddu għal disgħin jum mid-data attwali tal-ħruġ tagħhom, filwaqt li jiġi applikat l-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, iżda ma għandhomx ikunu jgħoddu iktar tard mill-31 ta' Diċembru tas-sena tal-ħruġ.

10. Jekk il-kwantitajiet li għalihom ikunu tressqu l-applikazzjonijiet jitnaqqsu f'konformità mal-paragrafu 7, il-garanzija għandha tiġi rrilaxxata minnufih għall-kwantitajiet kollha li ma jkunux ingħataw.

11. Minbarra r-rekwiżiti speċifikati fil-punt (b) ta' l-Artikolu 32(1) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, ir-rilaxx tal-garanziji għal-liċenzji ta' l-esportazzjoni għandu jkun jiddependi fuq it-turija ta' evidenza li turi l-wasla fid-destinazzjoni, filwaqt li jiġi applikat l-Artikolu 35(5) ta' dak ir-Regolament.

▼M2

Artikolu 16

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dan li ġej:

(a) sal-Ġimgħa ta' kull ġimgħa:

(i) l-applikazzjonijiet għal-liċenzji bl-iffissar bil-quddiem tar-rifużjoni mressqa skont l-Artikolu 10(1) jew il-fatt li mit-Tnejn sal-Ġimgħa ta' dik il-ġimgħa ma tressqet l-ebda applikazzjoni;

(ii) l-applikazzjonijiet għal-liċenzji mressqa skont il-proċedura stab-bilita fl-Artikolu 47 tar-Regolament (KE) Nru 376/2008 jew il-fatt li mit-Tnejn sal-Ġimgħa ta' dik il-ġimgħa ma tressqet l-ebda applikazzjoni;

(iii) il-kwantitajiet li għalihom inħarġu l-liċenżji skont l-Artikolu 12(6) ta' dan ir-Regolament jew il-fatt li mit-Tnejn sal-Ġimgħa ta' dik il-ġimgħa ma nħarġet l-ebda liċenzja;

▼M2

(iv) il-kwantitajiet li għalihom inħarġu l-liċenżji fir-rigward tal-applikazzjonijiet imressqa skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 47 tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, fejn tiġi indikata d-data meta tressqet l-applikazzjoni u l-pajjiż tad-destinazzjoni, mit-Tnejn sal-Ġimgħa ta' dik il-ġimgħa;

(v) il-kwantitajiet li għalihom ġew irtirati l-applikazzjonijiet għal-liċenzja tal-esportazzjoni skont l-Artikolu 12(5) ta' dan ir-Regolament, matul dik il-ġimgħa, fejn tiġi indikata d-data meta tressqet l-applikazzjoni;

(b) sal-14-il jum ta' kull xahar għax-xahar preċedenti:

(i) l-applikazzjonijiet għal-liċenzji kif imsemmija fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 376/2008;

(ii) il-kwantitajiet li għalihom inħarġu l-liċenzji skont l-Artikolu 10(1) ta' dan ir-Regolament u skont l-Artikolu 47 tar-Regolament (KE) Nru 376/2008 u li ma ntużawx.

2. In-notifiki msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jispeċifikaw:

(a) il-kwantità skont il-piż tal-prodott jew skont in-numru ta' rjus għal kull kategorija msemmija fl-Artikolu 10(5);

(b) it-tqassim tal-kwantitajiet skont id-destinazzjoni għal kull kategorija.

Artikolu 16a

In-notifiki msemmija f'dan il-Kapitolu għandhom isiru skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 792/2009 ([1]).

▼B

KAPITOLU IV

ID-DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 17

Ir-Regolament (KE) Nru 1445/95 huwa mħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament l-imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness X.

Artikolu 18

